5 ta' Settembru 2024

L-Onor. Dr Karol Aquilina MP

Bl-email fuq karol@karolaquilina.mt

Onorevoli,

**Każ K/058**

Nirreferi għall-ittra tiegħek tat-3 ta' Settembru 2024, fejn inti tlabtni nirrevedi r-rapport ta' dan l-Uffiċċju dwar il-każ K/058 u nirreferih lill-Kumitat Parlamentari għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għaliex l-Onor. Miriam Dalli diġà kienet ministru meta l-Kummissarju Hyzler ħareġ ir-rapport tiegħu dwar il-każ K/030, li kien każ simili.

It-test sħiħ tal-paragrafu 13 tar-rapport ta' dan l-Uffiċċju, li inti kkwotajt minnu fl-ittra tiegħek, jgħid hekk:

> *"Huwa minnu li kif qal l-Ilmentatur, il-predeċessur tiegħi wissa li kien se jkun aktar iebes f'każi simili. Madankollu l-esponent qies li l-Onor. Dalli dak iż-żmien ma kinitx parti mill-eżekuttiv, u* ***oltre dan wieħed irid jieħu konsiderazzjoni tal-fatt li issa għaddew aktar minn tliet snin u nofs mill-aħħar każ ta' din in-natura li ġie deċiż minn dan l-Uffiċċju****. Għalhekk l-esponent deherlu li għandu jimxi bl-istess mod f'dan il-każ."* [Enfażi miżjuda.]

Għalhekk il-każ K/058 ġie magħluq abbażi ta' apoloġija mill-Ministru Dalli taħt l-artikolu 22(5) tal-Att għal żewġ raġunijiet u mhux waħda biss.

L-Onor. Miriam Dalli kienet għadha ma saritx ministru fl-1 ta' Novembru 2020, meta l-Kummissarju Hyzler irċieva l-ilment li ġie investigat minnu bħala l-każ K/030, iżda huwa minnu li hija kienet ministru fil-25 ta' Jannar 2021 meta l-Kummissarju Hyzler ħareġ ir-rapport tiegħu dwar dan il-każ.

Madankollu, it-tieni raġuni għalfejn il-każ K/058 ingħalaq taħt l-artikolu 22(5) tal-Att, jiġifieri minħabba ż-żmien li għadda minn meta ġie deċiż il-każ K/030, tibqa' valida. Għaldaqstant m'hemmx bażi biex nirrevedi l-konklużjoni tal-każ K/058 u nirreferih lill-Kumitat għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

Il-każ K/058 jafferma l-prinċipju li stqarrijiet uffiċjali maħruġa mill-gvern m'għandhomx jinkludu kontenut ta' natura partiġġjana. Il-mod ta' kif ingħalaq il-każ ma jaffettwax dan il-fatt. Anzi, bis-saħħa tal-artikolu 22(5) tal-Att il-każ seta' jiġi konkluż b'mod bikri u definittiv. Dan l-artikolu m'għandux faċilment jiġi skartat f'każi fejn l-Att jippermetti l-applikazzjoni tiegħu.

Din ir-risposta se tiġi ppubblikata minn dan l-Uffiċċju.

Inselliimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Kopja: Onor. Dr Anġlu Farrugia
Speaker u President tal-Kumitat għall-Istandards
fil-Ħajja Pubblika